# Ħarsa lejn... Il-Banda San Filep ... u Ġrajjietha

F'din il-kitba taħt dan it-titlu "Ħarsa lejn... Il-Banda San Filep ... u Ġrajjietha" fil-ktieb tal-Programm tal-Festa tas-sena 1996, bdejna biex rajna fost affarijiet oħra dwar dak li kellu jkun iż-żanżin ta' l-Istatwa ġdida ta' San Filep għall-Każin tagħna, kif ukoll bandiera ġdida ta' Ħaż-Żebbuġ għall-istess każin. Kemm l-istatwa kif ukoll il-bandiera rnexxew ħafna, u ġew milqugħa tajjeb ħafna mill-membri u l-ammiraturi tas-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep.

Irridu nsemmu wkoll il-Quddiesa bil-mużika li saret nhar il-10 ta' Mejju 1996 b'inizzjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ, fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Din il-Quddiesa kienet organizzata tajjeb ħafna bis-sehem ta' numru limitat ta' mużiċisti, minħabba li l-Każin ma kellux il-permess li jagħmel din il-quddiesa bis-sehem tal-banda sħiħa. Dawn il-mużiċisti Żebbuġin, bandisti mal-Banda San Filep, flimkien mal-Kor 'Chorus Philippus' ta' l-istess Soċjetà mħarġin hekk tajjeb mid-Direttur John Ciantar, ħarġu bl-unuri kollha għall-mod kif daqqew u kantaw tul din il-quddiesa u meta fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni ndaqq l-Innu Popolari ta' San Filep akkumpanjat mill-istess kor, dan l-innu ntlaqa' b 'ċapċip minn dawk kollha li kienu preżenti fil-Knisja Parrokjali.

Nhar it-12 ta' Mejju 1996 filgħaxija ġiet miftuħa għall-pubbliku, esebizzjoni dwar is-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep u l-Festa ta' San Filep f'Belt twelidna, ġewwa l-parti ġdida tal-Każin. Din l-esebizzjoni ġiet inawgurata mis-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ, it-Tabib Godfrey Farrugia u damet għall-wiri ġimgħa sħiħa w'żaruha ħafna nies.

**Il-Banda San Filep f'Jum Ħaż-Żebbuġ**

Il-Kunsill Lokali kull sena jiċċelebra Jum Ħaż-Żebbuġ, b'Serata Mużika Letterarja b'sehem ta' waħda mill-baned ta' Beltna. Is-sena li għaddiet kien imiss lill-Banda San Filep tieħu sehem.

Billi fl-aħħar Sibt tax-xahar ta' Ottubru 1996, saret l-elezzjoni ġenerali f'Malta, din is-Serata Mużiko Letterarja f'ġieħ Jum Ħaż-Żebbuġ bit-tema: "Ħaż-Żebbuġ u l-Gran Mastru DeRohan", ġiet trasferita għal nhar is-Sibt 16 ta' Novembru mis-7.00 p.m l-quddiem, f'Misraħ San Filep.

F'din l-okkazzjoni, il-Banda San Filep, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Michael Ciantar tellgħet Programm Strumentali u Vokali kbir. Waqt dan il-programm, mal-Banda ħadu sehem is-Soprano Żebbuġija Joan Cassar u l-Baxx Anthony Montebello flimkien mal-Kor tal-Każin Banda San Filep, 'Chorus Philipus' imexxi mis-Surmast John Ciantar. Dan il-Programm kien jinkludi:

| | |
|---|---|
| Prelude for Band | Philip Ciantar |
| Suite No. 8 Ħaż-Żebbuġ, Belt Rohan | Michael Ciantar |
| *(Dawn il-biċċtejn xogħol kien ġodda w'iżżanżnu f'din l-okkażjoni)* | |
| Il-'Coro Va Pensiero' mill-Opra Nabucco | Giuseppe Verdi |
| Selezzjoni - HMS Pinafore | Gilbert O'Sullivan |
| Op. 81 - Marcia Slava | P. Tschaikowsky |
| Innu tal-Banda San Filep | Adeodato Gatt / Philip Farrugia (Profs) |
| Innu ta' Ħaż-Żebbuġ | Philip Gatt / Pawlu Mifsud |
| Innu Malti | Robert Samut / Karm Psaila (Rev.) |

Tajba wkoll kienet il-parteċipazzjoni ta' l-iskola ta' l-allievi tas-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep, meta f'din is-serata ġiet inawgurata l-mixgħela tal-Kolonna tas-Salib ta' Misraħ San Filep daqqew fanfarra. B'hekk ir-riżors bandistiku kollu kien preżenti f'din l-okkażjoni.

Kien sinifikanti wkoll is-sehem ta' numru sabiħ ta' żgħażagħ mis-Sezzjoni Żgħażagħ Każin San Filep, meta taħt amministrazzjoni ta' direzzjoni tijatrali tajba ħafna, mill-kumpanija Talent Żebbuġi, ħadu sehem billi libsu l-kostumi ta' iktar minn mitejn sena ilu. B'hekk setgħu jittellgħu l-kommemorazzjonijiet tal-'Wasla tal-Granmastru DeRohan f'Ħaż-Żebbuġ u l-Purċissjoni ta' San Filep tas-sena 1776.

Hu sabiħ li kull sena niċċelebraw 'Jum Ħaż-Żebbuġ' u ta' dan ħaqqu prosit il-Kunsill Lokali. Ħaqqu prosit is-Sindku, it-Tabib Godfrey Farrugia u l-Kunsilliera kollha li kollha kemm huma b'xogħol għaqli qegħdin jagħtuna organizzazzjonijiet tajba ħafna bil-għajnuna tal-parroċċa, għaqdiet reliġjużi u ċiviċi kollha ta' Ħaż-Żebbuġ. Prosit lil kulħadd.

Dwar din is-'Serata Mużiko-Letterarja' nixtieq b'dan il-kumment: Il-gazzetta 'Ħaż-Żebbuġ', leħen il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, fil-ħarġa tal-Milied 1996 qalet hekk dwar il-programm mużikali mill-Banda San Filep: - "Il-programm mużikali kien wieħed varjat u f'Misraħ San Filep, dwiet id-daqqa allegruża tal-Banda San Filep u l-ilħna ferrieħa ta wlied Ħaż-Żebbuġ. Il-programm mużikali eżegwit intlaqa' ferm tajjeb."

**Il-Familja kbira tal-Banda San Filep**

Biex inkomplu fejn ħallejna s-sena l-oħra, dwar il-bandisti tal-Banda San Filep, f'din il-kitba wkoll qegħdin nippublikaw numru ieħor ta' ismijiet ta' bandisti. Hekk il-lista tkompli tistgħana b'riżors uman mill-aqwa, demm Żebbuġi li jiġri fil-vini u jżomm il-ħajja kontinwa tal-Banda San Filep: Alexia Borg, Aaron Mifsud, Alexander Formosa, Isabelle Tanti, Roberta Vella, Sharon Vella, Claudio Ciantar, David Zammit, Walter Psaila, David Borg, Jesmond Vella, Therence Cuschieri, Jonathan Agius, Charles Magri, Clayton Micallef, Michael Chircop, Roderick Mifsud, Sandro Bezzina, Philip Pace, Lino Pace, Lambert Zammit, Ronald Magri, Charlie Debono, Godwin Agius, Joe Ellul u John Gafa. Li dawn iż-żgħażagħ bandisti, nixtiqulhom bosta snin idoqqu mal-Banda San Filep.

Hawn tajjeb li nagħtu titwila mill-imgħoddi, dwar it-tagħlim tal-mużika fi ħdan il-Banda San Filep. Is-Soċjetà Mużikali tagħna għandha tradizzjoni kbira, ta' skola tal-mużika mill-aqwa ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

Dr. Joseph G. Borg LL.D, ex-President tal-Każin tal-Banda San Filep ħalliena miktub hekk għal żmien is-Surmast Filippu Galea: "Fil-bidu tagħha il-Banda San Filep, kienet imexxija minn għadd żgħir ta' ċittadini li mfawrin biż-żelu għall-arti u l-kultura mużikali u għall-festa tal-qaddis patrun ta' pajjiżhom, bi spirtu li jġiblek għira, kienu b'sagrifiċċju jieħdu ħsieb igħallmu l-mużika u l-istrumenti.

Fi żmien is-Surmast Direttur tal-Banda San Filep, Mastru Indri Borg, dan is-srumast biex ikompli jsaħħaħ b'żgħażagħ u nies bandisti ġodda għall-banda tiegħu organizza l-iskola ta' l-allievi b'sistemi meqjusa aktar moderni ta' tagħlim tal-mużika u ta' l-istrumenti.

Jekk insemmu mbagħad il-Banda San Filep fi żmien is-Surmast Direttur Giacchino Galea, insibu li bl-enerġija u l-imħabba tiegħu lejn il-mużika ta spinta kbira lill-banda. Infatti fi żmienu, l-banda tiegħu kienet xhieda ta' banda mimlija w'organizzata ferm tajjeb b'numru ta' żgħażagħ.

Fi żmien is-Surmast Direttur Angelo Melilli, ħafna missirijiet kienu jfittxu lil dan is-surmast u jagħtuh xelin biex jagħmel mill-aħjar mat-tfal tagħhom u joħroġhom idoqqu mal-Banda San Filep.

Is-Surmast Anthony Aquilina dwar meta kien jitgħallem il-banda kien qal hekk f'intervista, "F'dak iż-żmien it-tagħlim tal-mużika fil-Każin San Filep, b'tant dixxiplina, kien isir mill-bandist Wiġi Said. Dan kien ħaddied u meta kien ikun qiegħed jgħallem kien ikollu f'idejh il-muftieħ tal-ħanut tiegħu. Allura kien jiġri li hekk kif kont nagħmel żball meta kont inkun qiegħed inħabbat b'subgħaja fuq il-mejda, dan Wiġi kien ikun pront itaptapli daqqa ta' muftieħ u b'dan quddiem għajnejja kont nipprepara sewwa l-lezzjoni tiegħi."

Għal żmien is-Surmast Direttur Adeodato Gatt, f'intervista oħra, din id-darba mis-Surmast Philip Gatt li kien it-tifel ta' Datu, kien qal hekk; "Meta jien kont inkun qiegħed ngħaddi l-lezzjoni fil-Każin missieri kien ikun warajja u jekk kont niżbalja jew kien jinduna li ma studjatx il-lezzjoni irħilu jtaptapli ġo rasi. Kien igħidli li aħjar ma mmur xejn meta ma nkunx naf il-lezzjoni. Kien jiżbel u jgħidli jgħajjat, "meta tiddeċiedi li tiġi qis li l-lezzjoni tkun tafha fuq xiber subajk".

Fl-ewwel żmien ta' wara l-gwerra, numru ta' allievi ġodda mal-Banda San Filep imħarġin mill-Assistent Surmast dak iż-żmien Philip Gatt tellgħu programm mużikali ġewwa Misraħ San Filep. Dan il-programm kien għamel ħoss kbir fi żmien meta f'Malta kien hawn iktar imħabba lejn il-baned u fi żmien ukoll meta ftit u xejn kien wieħed jaħseb li allievi ġodda mal-baned kienu kapaċi jwettqu programm mużikali ġo pjazza.

Kemm ilu li ħa Banda San Filep f'idejh is-Surmast preżenti Michael Ciantar, l-iskola tal-mużika nżammet ħajja ħafna u f'dawn l-aħħar snin fejn hu sab il-għajnuna ta' l-Assistent Surmast Joseph Gatt l-affarijiet f'dan il-qasam komplew ġejjin il-quddiem sew.

Dwar din l-iskola ċertifikat sabiħ u ta' ġieħ ġie mogħti lis-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep nhar il-5 ta' April 1995 mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici, meta waqt id-diskors tiegħu waqt l-inawgurazzjoni tal-Mejda ta' l-Appostli esklama, "Qatt ma rajt banda b'daqshekk bandisti żgħażagħ idoqqu programm."

Din l-istess banda taż-żgħażagħ kellha l-unur li nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 1990 sellmet lill-Qdusija Tiegħu Papa Gwanni Pawlu II bid-daqq ta' fanfarra meta waqt l-ewwel żjara tiegħu pastorali f'Malta għadda minn Triq Imdina Ħaż-Żebbuġ fost għadd sabiħ ta' nies Żebbuġin miġbura tul din it-triq sa ħdejn il-Mitħna ta' Strina fejn kienet il-banda. Il-Papa bi tbissima fuq fommu bierek lil din il-banda taż-żgħażagħ u liż-Żebbuġin preżenti.

Matul l-aħħar għaxar snin dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast Michael Ciantar il-Banda taż-Żgħażagħ Każin San Filep ħadet sehem kull sena nhar lejliet il-Milied billi kkunpanjat fil-Purċissjoni bil-Bambin li jorganizzawha tal-MUSEUM. B'hekk din id-dimostrazzjoni popolari bil-Bambin iktar kibret.

Naħseb li kulħadd jaqbel miegħu li l-aqwa ħaġa li qegħda titwettaq fi ħdan l-iskola tal-mużika tal-Każin Banda San Filep illum, hi l-parteċipazzjoni tagħha fil-'Festival Mużiċisti Żgħażagħ'. Is-sehem tal-banda żgħażagħ fil-festival ta' din is-sena kien ifisser li għal ħames sena konsekuttiva, il-bandisti żgħażagħ tagħna pparteċipaw f'dan il-festival. Kien ifisser ukoll li l-Banda tagħna kienet l-ewwel banda Żebbuġija li ħadet sehem u hi l-unika banda wkoll minn belt twelidna li baqgħet tieħu sehem f'dan il-festival sa minn meta beda jiġi organizzat mill-Għaqda Każini tal-Baned Maltin u Għawdxin.

L-ewwel Festival sar fis-sena 1993 fis-sala Robert Samut ġewwa l-Furjana. It-tieni sena l-Festival sar fl-Iskola Marija Assunta ġewwa l-Ħamrun. It-tielet Festival ġie organizzat ġewwa s-sala tal-Kulleġġ San Alwiġi Birkirkara. Ir-raba' Festival ġie miżmum ġewwa s-sala tal-Iskola tal-Liceo, il-Ħamrun, u din is-sena din il-Festival inżamm ukoll, ġewwa s-sala tal-Iskola tal-Liceo, il-Ħamrun.

Bħal fis-snin l-imgħoddija, il-bandisti żgħażagħ tas-Soċjetà tagħna, mħarrġin sewwa mis-Surmast Direttur

Michael Ciantar u l-Assistent tiegħu Joseph Gatt, tellgħu programm mużikali mżewwaq u divertenti għall-aħħar, biex għoġob lil dawk kollha preżenti. Dan il-programm kien imqassam hekk: 'Poet and Pheasant', 'Death of An Ace', 'Mister Trombone' 'Wonderland By Night', 'Star Wars'. Attendew numru sabiħ ta' ġenituri li jiehdu pjaċir isegwu lil uliedhom idoqqu mal-banda.

Il-Banda tagħna f'kull qasam dehret imħejjija tajjeb ħafna għal din l-okkazzjoni u l-bandisti kollha għamlu ħilithom biex iħallu isem tajjeb u joħorġu bl-unuri kollha kif fil-fatt għamlu. Fi tmiem dan il-kunċert il-Banda Żgħażagħ Każin Banda San Filep irċevit l-applaws misthoqq minn dawk kollha preżenti.

Wara dan is-success hemm id-diriġenti, s-surmastrijiet tagħna. Għalhekk ħaqqhom il-prosit tagħna lkoll membri w'ammiraturi tal-Każin tal-Banda tagħna. Dan il-Festival għas-Soċjetà Mużikali tagħna, Każin Banda San Filep ifisser investiment kbir kbir li jġib miegħu nteressi tajbin. Dawn jissarfu f'benefiċċji sbieħ fil-Każin taqsima banda, għall-istess bandisti żgħażagħ, kif ukoll biex ikomplu jgħollu l-kultura bandistika f'raħal twelidna.

**Taqsima tal-Logħob tan-Nar**

Taqsima attiva ħafna fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Banda San Filep, hi dik magħmula mid-dilettanti membri tal-logħob tan-nar ta' l-art u ta' l-ajru. Għalkemm b'delizzju, x-xogħol ta' dawn il-membri hu li jipproduċu kwalitajiet differenti, ta' settijiet ta' murtali bil-logħob, murtaletti, murtali tal-beraq u tal-kulur, kaxxi nfernali spanjoli u tal-kulur kif ukoll varjazzjoni ta' nar ta' l-art mekkanizzat flimkien ma' taħlita ta' kuluri differenti li jagħmlu l-esebizzjonijiet ta' dawn id-dilettanti iktar attrajenti.

Il-Każin tagħna jipprovdi lil dawn id-dilettanti fabbrika, mgħamra b'dak kollu li titlob il-liġi, il-bogħod sew mill-bini abitat u hawnhekk dawn il-membri ħabrieka b'ħafna sagrifiċċju jqattgħu s-sena kollha jaħdmu n-nar, imdawrin b'ħafna periklu, għax il-proċess ta' dan ix-xogħol jieħu ħafna żmien biex ikun lest, li jkun jista' jinħaraq u jitgawda.

Is-Soċjetà tagħna tipprovdi wkoll 'sotto-kumitat' li x-xogħol tiegħu hu biex matul is-sena minn festa sa festa jiġbor fondi biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun hemm biex jinħadem in-nar meħtieġ, għal matul il-ġranet kollha tal-Festa ta' San Filep.

Ħaż-Żebbuġ hu magħruf sew għall-logħob tan-nar. Raħal twelidna għandu tradizzjoni qawwija f'dan il-qasam ukol li ġejja matul medda twila ta' mijiet ta' snin. Infatti nsibu miktub li madwar teltt mitt sena ilu minn hawnhekk kienu jinkrew maskli għall-festi ta' rħula oħra.

Imbagħad jekk niġu għal żmien it-twaqqif tal-Banda San Filep u s-Soċjetà Mużikali tagħha, inkiteb għal bosta drabi li l-festa ta' San Filep mat-twaqqif ta' din is-Soċjetà saret iktar organizzata, u fost din l-organizzazzjoni nsibu wkoll it-taqsima tan-nar.

Fil-ktieb 'Leħen il-Każin Banda San Filep - Festa 1985 f'paġna 22, taħt it-titlu 'Kopja tad-Dokumenti ta' l-1851', insibu hekk miktub, 'F'dan ir-ritratt naraw li l-Konfraternità tal-Karità ħallset somma ta' flus għall-Banda u n-Nar, xhieda ta' organizzazzjoni ta' Każin fl-attivitajiet tiegħu kif nafuh illum'.

Filippu Azzopardi kien jirrankkontalna li meta hu kien żagħżugħ rigward in-nar ta' l-art jiftakar li l-parroċċa għal xi snin kienet tordna nar maħdum ġewwa Sqallija. Dan kien inissel kompetizzjoni fost id-dilettanti Żebbuġin u mhux darba u tnejn irrakkonta Filippu, 'li x-xogħol taż-Żebbuġin sebaq lil dak ta' l-isqallin.'

F'ritratt antik li nsibu ġewwa l-Każin San Filep naraw bosta logħob tan-nar varjat maħdum għall-okkażjoni tal-Festa ta' San Filep.

Il-karma tan-nar kif inhi magħrufa, mhux dejjem kienet fl-istess post. L-aktar post li għandu storja hu dak li għalkemm għadu wieqaf sallum ma jinħadimx nar ġo fih. Dan il-post għadu f'idejn il-Każin San Filep. Qiegħed nirreferi għal dak li jidher fl-inħawi ta' Bordin qrib tal-Gandlora. Dan il-post ma baqax jintuża bħala fabbrika tax-xogħol tan-nar, il-għaliex il-bini li beda tiela f'dawn l-inħawi kien qorob sew lejh tant hu hekk li l-permessi tal-manfiattura tan-nar ġew imneħħija lis-Soċjetà tagħna li taħdem nar hemmhekk.

Il-Każin San Filep kellu jaħseb biex isib inħawi oħra, il-bogħod sew mill-abitat u hemmhekk jibni fabbrika oħra, iktar moderna u fornuta b'kull ma teħtieġ għall-post bħal dan. Dan ix-xogħol tal-bini seta' jinbeda matul is-sena 1986, wara li l-pulizija ħarġet il-permessi meħtieġa f'Ħal Qdieri limiti ta' Ħaż-Żebbuġ.

Erba' snin wara din il-fabbrika għaddiet minn misteru ta' splużjoni tax-xogħol tan-nar, fis-satra tal-lejl mis-Sibt għal Ħadd 26 u 27 ta' Mejju 1990. F'dawk il-jiem f'Malta kien hawn il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. Kien resident ġewwa H'Attard fir-residenza tan-Nunzju u x'ħin sema' l-isplużzjoni ried ikun jaf x'ġara. Hu ħa nteress ħafna u lissen xi talb ukoll. Ngħidu wkoll li dak is-Sibt 26 ta' Mejju 1990 melta l-Papa kien għaddej minn Triq l-Imdina ġewwa Ħaż-Żebbuġ id-dilettanti tal-Każin ħarqu ftit nar b'tislima lill-Papa.

B'xorti tajba f'dan l-inċident ma weġġa' ħadd. Il-festa kien jonqosa ftit ġranet, biss xorta waħda nħadem xi ftit tan-nar. Il-post tnaddaf u l-bini reġa nbeda. Fi ftit tax-xhur reġa kellna l-fabbrika tan-nar mibnija mill-ġdid. Hawnhekk spikkaw l-għajnuna finazjarja u x-xogħol volontarju.

Kien inbeda ritmu tajjeb meta għal għarrieda f'ġurnata sħuna sajfija f'Awissu tas-sena 1992 waqt ix-xogħol f'din il-kamra seħħet splużżjoni oħra fejn ħasded il-ħajja ta' Gejtu Grima, ħaddiem ħabrieki li ta qalbu u ħajtu għax-xogħol tan-nar b'risq il-festa tagħna. Lil dan Gejtu nibqgħu nżommuħ f'qalbna, bħalma nfakkru b'għożża lil Ninu Debono, Ġanni Farrugia, Filippu Cassar, Filippu Xuereb li kienu mietu wkoll f'disgrazzja oħra ta' l-isplużzjoni tax-xogħol tan-nar li ġrat fil-post ta' Bordin fuq ir-riħ tal-Gandlora nhar Ħamis ix-Xirka 7 ta' April 1955.

Fil-ġrajja tax-xogħol tan-nar kien hemm xogħol lest li ma kienx laħaq inħaraq għall-okkażjoni tal-festa ta'

Marija Bambina ta' l-Isla. Allura meta sar l-armistizju nhar it-8 ta' Mejju 1945 ftit jiem qabel il-festa ta' San Filep, il-Każin kellu xogħol tan-nar lest, miegħu nħadmu xi biċċiet oħra ta' l-art flimkien ma' bosta xema romana u maskli li biħom kienet iddawret il-pjazza għal bosta drabi u hekk ġiet iċċelebrata l-ewwel festa bin-nar wara l-gwerra.

Ġewwa l-Każin San Filep issa li kienet spiċċat il-gwerra reġa beda dieħel entużjażmu kbir għall-festa. Wieħed jista' jgħid li fi ftit tas-snin il-Festa ta' San Filep waslet sal-quċċata tagħha. Għal dak li għandu x'jaqsam man-nar ta' l-art kienet issir esebizzjoni fuq esebizzjoni. Il-kaxxi nfernali kienu twal u tal-kulur imżewqin sew. Kaxxa nfernali li baqgħet magħrufa kienet t-tlugħ tagħha kien isaffar. Nistgħu nimmaġinaw kaxxa nfernali twila kolha kemm hi titla' ssaffar. Xi spettaklu kien jinħoloq! Il-kaxxa nfernali tal-kulur kienu esebizzjoni ta' bukketti fihom infushom igħaxqulek festa. Il-murtaletti kienu jkunu bil-mijiet u l-murtali tal-kulur attrazzjoni mill-aqwa. Dan in-nar f'dak iż-żmien kien jinħaraq mill-qrib allura kien jitgawda aktar.

Hawnhekk sejjer nikkwota lill Ġanni Gauci mill-kitba tiegħu, taħt it-titlu 'In-Nar tal-festa mal-milja taż-żmien' - rivista annwali 1991 mit-'12th May Band and Social Club'. Din il-kitba kif ippreżentata lilna minn Ġanni Gauci hi l-isbaħ stampa kif jistqarr hu stess, mill-ġrajjiet hekk sbieħ tal-passat. Hawnhekk fil-waqt li nrodd ħajr lil Ġanni għall-kitba sabiħa tiegħu nikkwotaw dan li ġej:

"Il-logħob ta' l-art kien spettakolari, xogħol mekkaniżżat maħdum minn Gawzu Cachia, il-landier. Bħalissa qiegħed inġib quddiem għajnejja żewġ daqqaqa bis-surmast fin-nofs u żewġ żeffiena, l-bandla, il-joga l-arma ta' San Filep bis-serp idur mas-salib bil kliem 'Viva San Filep' idur fuq żewġ rombli fost iċ-ċapċip tal-poplu preżenti, żewġ bicycles misjuqa minn xebba u ġuvni jiġri wara xulxin u x-xebba taqla' idha l-leminija minn fuq il-handle b'suffara u l-ġuvni jogħla fuq idejh b'saqajh il-fuq. Kienet biċċa xogħol mekkanizzata li ddaħkek. Il-convoy, l-aircraftcarrier li l-ajruplani tagħha bdew iqabdu n-nar li jsibu quddiemhom. Ma neskludix li ħafna nies kien jirritornaw id-dar bil-qmis maħruqa, għax il-pjazza kienet żgħira wisq".

Dawn l-imgħallmin tan-nar illum fil-parti kbira tagħhom m'għandhomx magħna. Lil dawn aħna nsellmulhom, niftakru fihom u fis-sagrifiċċju li wettqu b'risq il-festa ta' San Filep. Illum imgħallmin żgħażagħ ħadu posthom fejn qegħdin ikomplu l-ġrajja ta' din it-tradizzjoni qawwija ta' San Filep mingħajr ma hu festa xejn. Il-fabbrika tax-xogħol tan-nar tas-Soċjetà Mużikali, Każin Banda San Filep kull sena twettaq spettaklu mill-iktar varjat mifruxa fuq ġimgħa festa ad unur San Filep, patrun tagħna. Il-logħob tan-nar li jkun inħadem matul is-sena meta nkunu qegħdin niċċellebraw il-festa jkun mistenni. Fil-ħruq tiegħu nies minn Malta kollha jattendu ġewwa Ħaż-Żebbuġ jew imxerdin mat-toroq tal-kampanja madwar ir-raħal, biex jaraw din l-esebizzjoni ta' dan in-nar ta' l-ajru, speċjalment il-murtali speċjalizzati tal-kulur u tal-beraq li l-Kamra tan-Nar San Filep hi magħrufa għalihom.

Għall-lobgħob tan-nar ta' l-art ukoll jiġu ħafna nies biex jarawħ. Il-makkinarju tallum jinħadem minn numru ta' żgħażagħ li jattendu ġewwa l-Każin, imbagħad in-nar jitwaħħal miegħu ġewwa l-kamra tan-nar mill-imgħallmin tan-nar. In-nar iġib ferħ u briju matul il-ġranet tal-festa. Jista' jġib ukoll dieqa għax hu perikoluż u jaf iweġġa sew. Kull min għandu x'jaqsam ma' din il-produzzjoni għandu jkun prudenti u jaħdem b'attenzjoni kbira. Aħna lkoll li aħna membri fis-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep mhux biss napprezzaw s-sagrifiċċju w' ix-xogħol ta' dawn il-membri sħabna ħabrieka f'din it-taqsima, iżda wkoll nirringrazzjahom tax-xogħol sabiħ li jagħmlulna kull sena.

**Il-Plancier jagħlaq 50 sena 1947 - 1997**

Hekk kif intemmet il-gwerra b'entużjażżmu kbir is-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep ħarġet bl-ideja li twettaq żewġ proġetti kbar - 'Bradella' kolossali għall-istatwa artistika ta' San Filep kif ukoll 'Planċier' ġdid għall-Banda.

Illum m'aħniex sejrin nitkellmu dwar il-bradella, għalkemm kien sar ħafna xogħol mill-iskultur Francesco Sciortino li għalih kien irċieva ħlasijiet mill-Każin San Filep din saret fi snin iktar qrib lejna fis-sena 1963. Illum nitkellmu dwar il-Planċier fejn qiegħed jagħlaq 50 sena minn meta ġie mżanżan. Il-Kumitat taħt it-tmexxija tal-President ta' dak iż-żmien,il-Professur Philip Farrugia approva li tinħadem din l-opra. Kien ġie deċiż li jsir arbural ta' donazzjonijiet ta' tmintax irbigħi minn fost il-bandisti, il-membri u l-ammiraturi tas-Soċjetà. Sa fejn hu magħruf id-disinn ta' dan il-Planċier sar mill-Perit Degorgio.

Fil-Każin San Filep inġabu t-tavluni u billi ma kienx għad hemm magni tat-tqattigħ ta' l-injam dan ix-xogħol sar kollu bl-idejn, fejn bosta membri middew għonqom għax-xogħol. Ħafna għadhom jiftakru lil Filippu Seguna, Pinu n-Nekejjek, li b'dirgħajn felħana kien jisserra t-tavluni mill-intrata għall-ġewwa tal-Każin. Wara dan l-isserrar tal-injam ix-xogħol tkompla voluntarjament ġewwa l-ħanut tal-mastrudaxxa Salvu Zammit fejn insibu xogħol il-kbir sar minn Ninu Micallef, Philip Spiteri, Joe Muscat u Gaetanu Mallia. Dan il-ħanut kien iġib in-numri 27, 28 Triq Ebona. Imbagħad meta l-ħanut tax-xogħol ta' l-istess Salvu Zammit ġie trasferit għal numru 3, Triq il-Knisja, ix-xogħol fuq il-planċier tkompla hemm.

Meta x-xogħol kien mexa l-quddiem u kien qiegħed naqra naqra jingħaqad dan il-pjanċier, il-partijiet magħquda kienu jippruvawhom fil-ġardina ta' wara tad-dar tal-familja ta' Ġanninu jew aħjar, il-familja tal-Professur Philip Farrugia li kien il-President attwali tas-Soċjetà tagħna f'numru 292, Triq il-Kbira. Membri oħra li taw sehemhom fix-xogħol wara l-xogħol ta' l-injam mexa sew sew il-quddiem insibu lil Philip Briffa, Patist Bonnici, Salvu Cassar, Philip Micallef li skond is-sengħa tagħhom ħadmu bis-sħiħ huma wkoll. Hawnhekk qegħdin nirriferu għal żebgħa, ħadid, funderija u dawl.

Tajjeb li ngħidu wkoll li d-disinji tal-ħadid saru minn aluminju pprovdut mill-arjuport fdalijiet ta' ajruplani

tal-gwerra u fdalijiet ta' armamenti oħra. l-Innu tal-Banda sar ukoll minn fdalijiet ta' xi skrejjen ta' l-ajruplani. Meta l-planċier kien kważi lest għal kollox ġie armat bi prova fil-ġnien ta' l-aħwa Caruana ta' Dun Tumas, Karmelu u Pawlu, f'nru. tal-ġnien 326, Triq il-Kbira. Dan il-planċier ġie mżanżan mill-Banda San Filep nhar il-Ħamis 15 ta' Mejju 1947. Kienet il-festa ta' Lapsi u t-tieni jum tat-tridu tal-festa ta' San Filep. Fost misraħ mimli daqs bajda bin-nes, il-Banda San Filep bħas-soltu diretta b'maestrija mis-Surmast Direttur tagħha Datu Gatt, esegwiet dan il-programm vokali u strumentali mill-aqwa.

| | |
|---|---|
| Innu tal-Papa | |
| Innu u Marċ mill Opra Aida | G. Verdi |
| Overture Solenelle 1812 | P. Tshaikowsky |
| Għażla mill Opra La Boheme | G. Puccini |
| Iris | P Marċagni |
| Marċ Silver Mountain | A. Gatt |
| Innu tal-Banda | |
| Innu Lil-Rebbieħ t'Aggira | A. Gatt |
| Marċ Arcades Ambo | A. Gatt |
| Marċ Ardens | G. Bonnici |
| Marċ Victory Parade | A. Pullicino |
| Marċ Esprit De Corps | G. Buttigieg |
| Innu Malti | |
| God Save the King | |

L-innijiet li ndaqqu f'dan il-programm kienu akkumpanjati minn kor ta' 120 tfal bniet u subien ta' l-Iskola tal-Gvern ta' Ħaż-Żebbuġ. Kien ta' unur għall-Banda A. Gatt li l-ewwel parti ta' dan il-programm mużikali, kien irrekordjat dirett għal fuq ir-Rediffusion. Hawnhekk il-Banda San Filep uriet dixxiplina u kapaċitajiet mill-aqwa. Jingħad li kienet l-ewwel banda li tat programm mużikali dirett minn pjazza għal fuq ir-Rediffusion u ġie milqugħ tajjeb ħafna mis-semmiegħa. Dan il-programm kellu jkun il-bidu ta' kemm il-programm u marċijiet instemgħu minn fuq ir-Rediffusion u illum minn fuq ir-radio.

**Ħamsin sena ilu mfakkar l-ewwel ċentinarju mill-mewt ta' l-Isqof Mons. Saverju Caruana.**

Ħamsin sena ilu ġie ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mill-mewt ta' l-Isqof Żebbuġi Mons. Saverju Caruana. Dan iċ-ċentinarju ġie ċċelebrat f'żewġ okkażjonijiet, bi kxif ta' żewġ lapidi kommemorattivi, fi ftit tal-granet minn waħda għall-oħra.

L-ewwel ċerimonja saret quddiem id-dar fejn kien joqgħod dan l-Isqof Caruana fi Triq DeRohan quddiem id-dar tad-duttirna tal-MUSEUM. Attenda l-Isqof Emanuel Galea li twassal minn Misraħ San Filep sa ħdejn din id-dar, fejn mexxa ċ-ċerimonja tal-kxif ta' lapida kommemorattiv mill-Banda San Filep, fost numru sabiħ ta' Żebbuġin. Hemm kompliet bis-sehem mużikali tagħha tul iċ-ċerimonja kollha.

It-tieni ċerimonja saret fil-misraħ quddiem il-Każin San Filep. Hawnhekk ukoll il-Banda San Filep tat is-sehem tagħha u ġiet mikxufa wkoll lapida kommerorattiva mal-faċċata tal-Każin li għadha hemm sallum. Din il-lapida ġie mikxufa mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien it-Tabib Pawlu Boffa li għamel kelmtejn ta' l-okkażjoni.

**Is-Surmast Direttur Michael Ciantar jiċċelebra l-għaxar festa tiegħu mal-Banda San Filep**

Meta f'Settembru tas-sena 1986, is-Surmast ta' dak iż-żmien, Mro. Philip Gatt wassal personalment ir-riżenja tiegħu minn Direttur tal-Banda San Filep, minħabba raġunijiet ta' saħħa, il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà ħaseb biex ifittex Surmast ieħor biex imexxi l-Banda. L-ewwel xewqa li nibtet kienet li jekk jista' jkun insibu surmast Żebbuġi. Hekk il-għażla tagħhom waqgħet fuq is-Surmast Michael Ciantar, bniedem marbut sew mal-mużika, u ġej minn familja ta' bosta mużiċisti.

Meta kien għadu tifel lil Michael insibuh jibda l-istudju tiegħu taħt missieru Carmelo, u wara kompla jistudja l-armonijia taħt is-Surmast Carmelo Pace, sakemm kiseb id-diploma A.Mus., L.C.M. Hu ma waqafx hawnhekk, kompla jistudja l-istrument tiegħu t-trumbun professjonalment. Infatti Michael Ciantar bħala mużiċist insibuħ impjegat trumbun prim, ma l-orkestra tat-Tejatru Manoel. Huwa wkoll għalliem fl-Iskola tal-Mużika Johann Strauss. Dan il-fatt kompla jgħin lis-Surmast Ciantar fit-twettiq tat-tagħlim tiegħu, fi ħdan l-iskola tal-allievi mal-Banda San Filep. Infatti matul dawn l-għaxar snin din l-iskola mxiet ħafna quddiem u taħt id-direzzjoni tiegħu ħarġu bosta bandisti ġodda jdoqqu mal-Banda San Filep.

Bħala direttur Mro. Michael Ciantar beda jidderieġi lill-Banda San Filep ta' età pjuttost żgħira ta' tletin sena. Taħt id-direzzjoni tiegħu l-Banda tagħna baqgħet itella' kull sena, programmi strumentali u vokali ta' l-għola livell. Hu dderieġa għadd ta' biċċiet klassiċi u selezzjonijiet minn Opri bħal Norma, Lucia di Lamermour, Nabucco u oħrajn.

Lis-Surmast Direttur Michael Ciantar insibuh magħruf ukoll bħal kompożitur. F'dan il-qasam matul dawn l-għaxar snin ta' direzzjoni, Mro. Ciantar ikompona diversi biċċiet għall-Banda, marbutin ma' xi anniversarju tas-Soċjetà Mużikali tagħna; insemmu l-'50th Anniversary','Make up Suite', 'L-Overture Luigi Fontana', 'Is-Sejħa

Pezzo Cantabile - Mikiel Anton Vassalli', 'Lord Gort - Op. No. 7 - Suite għall-Banda' bis-sehem tas-sopran u narratur, u l-aħħar xogħol tiegħu 'Suite No. 8 - Ħaż-Żebbuġ, Belt Rohan.

Ma' dawn il-bċejjeċ ta' mużika nżidu wkoll numru sabiħ ta' marċijiet fosthom il-marċ bil-kant magħruf fostna bħala (il-letter A). Dawn il-marċijiet jinsabu rrekordjati f'numru ta' 'cassettes' li minn żmien għal ieħor irrekordjat il-Banda San Filep. Lis-Surmast Direttur Michael Ciantar, il-waqt li nirringrazzjawh għax-xogħol fejjiedi li qiegħed iwettaq, nixtiqulu ħafna iżjed snin ta' ħidma mużikali u direzzjoni lill-Banda San Filep.

**Għeluq**

Is-Soċjetà Mużika Każin Banda San Filep għanda ġrajja kbira f'kull taqsima fi ħdana nżergħu, ixxettlu u kibru. Minn żmien għal ieħor dawn it-taqsimijet ħadmu bis-sħiħ b'risq il-festa kbira ta' San Filep biex din tibqa' fuq il-pedistall għoli tagħha kif nafuha llum. Lill-missierijietna li sawra dawn it-taqsimiet, illum insellmulhom, u lil kull min qiegħed jagħti xi sehem fiż-żmien tagħna biex il-wirt miksub jibqa' jagħti l-frott mixtieq, nirringrazzjaw għalhekk ilkoll flimkien b'għajta sħiħa ntennu li, "Aħna kburin u ferħanin b'isem San Filep tul is-snin."

**Tislima lill-Każin Banda San Filep**

X'Każin għandna, ġmiel f'din Beltna,
Ħin twil inqattgħu ġewwa fih,
U meta Ġunju x-xahar tal-Festa,
Jasal, jiżżejjen w'iktar jisbieħ.

M'hawnx faċċata hekk sabiħa,
Mill-ewwel jolqtok tersaq ħdejh,
Ġewwa tal-familja tħossok,
Ilkoll ferħana tinġibed lejh.

Ta' Beltna l-Misraħ isebbaħ,
B'erba' arbli bil-bandieri,
Ġewwa fih isib il-Banda,
B'marċijiet sbieħ u daqq ferrieħi.

Dil-Banda, bid-daqq u l-għana,
Li saħħret tant nies Żebbuġin,
Ta' San Filep - Għaqda Kbira,
Xhieda ħajja soda, tul is-snin.

Mexxi Filippu mis-sena,
Lil-din il-kotra Żebbuġin,
Imsieħba f'dix-xirka kbira,
Minquxa fil-ġrajja , l-'Ewlenin'.

**Philip Agius**
**Ħaż-Żebbuġ - 12.5.96**